MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 2571/1997/1

**Arena Laundry Limited**

**Vs**

**Portughes Laundry and Dry Cleaning Limited**

Il-Qorti,
Rat l-avviz in ezami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundanata li thallashom is-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm120.24c) oltre l-imghax legali, rapprezentanti hlas ghal-xoghol ta' laundry u dry clening esegwit fuq ordni tas-socjeta' konvenuta u dan skond diversi statements of account.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Awissu 1996 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta (fol 4 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett :-

1. Illi t-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2148a tal-Kodici Civili.
2. Illi f'kwalunkwe kaz, u minnghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-ebda ammont ma huwa dovut lis-socjeta' attrici mis-socjeta' eccipjenti u dana kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in rigward l-eccezzjoni preliminari kif proposta mis-socjeta' konvenuta a bazi tal-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili, jigi notat illi mil-verbal tas-seduta tad-29 ta'April 1998 'il quddiem (fol 6 sa fol 32 ibid) din il-kawza kienet qed tigi differita sabiex is-socjeta' attrici tesebixxi dokumenti in konnessjoni mal-istess eccezzjoni. Effetivament dawn id-dokumenti qatt ma gew esebiti. Difatti, s-socjeta' attrici ddikjarat li d-dokumenti msemmija a fol 6 ma nstabux.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, da parti tas-socjeta' attrici, xehed, biss <u>Joseph Arena</u> (fol 7 u fol 8 ibid) u dan sostna illi "madwar sena u nofs ilu" qabel ma xehed cioe' madwar Ottubru 1996 is-socjeta' konvenuta kienet akkwistat prodott kimiku (solventi) uzat f'"dry cleaning" minghand is-socjeta' attrici u dan bil-prezz ta' Lm120.24. L-istess xhud isostni li kemm –il darba, kien ikkomunika permezz tat-telefon ma John Portughes sabiex dan l-ammont jithallas. Pero' dan il-persuna avolja kienet infurmatu illi c-"cheque" kien lest, jidher li qatt ma kienet baghtitu lis-socjeta' attrici. L-istess xhud semma' illi s-socjeta' attrici kienet tibghat fatturi lil dik konvenuta oltre li interpallatha <u>b'ittra interpellatorja</u> sabiex jsir il-hlas, liema ittra qatt ma giet esebita f'dawn l-atti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, da parti tas-socjeta' konvenuta, gie prodott biss Ian Portughes (fol 33 ibid) li sempliciment xehed illi s-socjeta' konvenuta "…..qatt ma kellha taghti xi flus lis-socjeta' attrici".

Ikkunsidrat

Illi, in rigward l-eccezzjoni in ezami, mill-provi prodotti jidher li l-imsemmi prodott kien inbiegh lis-socjeta' konvenuta madwar Ottubru 1996 liema punt ma giex kontestat minn Ian Portughes, illi l-avviz in ezami gie intavolat u pprezentat fil-11 ta' Dicembru 1997 u notifikat fis-17 ta' Dicembru 1997. Minn dan jihder illi l-istess avviz kien prezentat ferm qabel ma skada l-perjodu ta' preskrizzjoni specifikat fl-artikolu 2148(a) imsemmi. Tenut kont ta' dan, din il-Qorti ma tarax il-htiega li tara u tiddeciedi jekk l-istess artikolu hux applikabbli ghal kaz in desamina.

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk l-eccezzjoni kif proposta ghandha tigi respinta.

Ikkunsidrat

Illi jigi notat illi in rigward il-mertu ta' din il-kawza, l-eccezzjoni kif proposta ma tispjegax ir-raguni jew ragunijiet il-ghala fuq bazi legali jew ta' fatt t-talba in ezami ghandha tigi respinta. Difatti gie eccepiet, biss illi l-ebda ammont ma hu dovut lis-socjeta' attrici minn dik konvenuta "…… u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza". Fid-dawl ta' dan, it-talba attrici ghandha tigi akkolta tenut kont illi ma giet proposta ebda eccezzjoni dwar in-natura tal-obligazzjoni kif deskritta fl-istess avviz u fix-xhieda ta' Joseph Arena.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet proposti mis-socjeta' konvenuta kemm preliminarjament kemm fil-mertu, tilqa' t-talba attrici u tikkundana lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta'

Lm120.24 bl-imghax legali mill-ewwel (1) ta' Novembru 1996 sad-data tal-pagament effetiv u bl-ispejjez esklusi dawk tal-ittra ufficjali msemmija fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------